

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2012 flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta**

(2013/C 369/03)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
Introduzzjoni	1-5	19
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	6	19
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	7-17	19
Opinjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet	12	20
Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi	13-15	20
Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	16	21
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	18-20	21
Implimentazzjoni tal-baġit	18-19	21
Sejħiet għal proposti	20	21
Kwistjonijiet oħra	21-28	21
Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni	21	21
Monitoraġġ u rappurtar ta' riżultati tar-riċerka	22-24	21
Kontribuzzjoni mill-Istati Membri fl-ENIAC	25	22
Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti	26-28	22

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar in-Nanoelettronika (Impriża Konġunta ENIAC), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 ⁽¹⁾ għal perjodu ta' 10 snin.

2. L-oġġettivi prinċipali tal-Impriża Konġunta huwa li tiddefinixxi u timplimenta l-"aġenda għar-riċerka" għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin għan-nanoelettronika f'oqsma differenti ta' applikazzjoni sabiex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-Ewropa u jkun possibbli l-iżvilupp ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà ⁽²⁾.

3. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni, ċerti Stati Membri tal-UE (il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit) u l-Assoċjazzjoni għall-Attivitajiet Nanoelettroniċi Ewropej (AENEAS). Stati Membri oħrajn u pajjiżi assoċjati, kif ukoll kwalunkwe pajjiż ieħor jew entità ġuridika oħra li kapaċi tagħti kontribuzzjoni finanzjarja sostanzjali għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-Impriża Konġunta, jistgħu jsiru membri tal-Impriża Konġunta ENIAC.

4. Il-kontribuzzjoni massima tal-UE għall-Impriża Konġunta ENIAC, biex tkopri l-ispejjeż operattivi u l-attivitajiet ta' riċerka, hija ta' EUR 450 miljun li għandha titħallas mill-baġit tas-Seba' Programm Kwadru ⁽³⁾. L-AENEAS għandha tagħmel kontribuzzjoni massima ta' EUR 30 miljun għall-ispejjeż operattivi tal-Impriża Konġunta. L-Istati Membri fl-ENIAC għandhom jagħmlu kontributi *in natura* għall-ispejjeż operattivi (permezz tal-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti), u jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' mill-anqas 1,8 darbiet tal-kontribuzzjoni tal-UE. Organizzazzjonijiet ta' riċerka li jipparteċipaw fil-proġetti għandhom ukoll jipprovdu kontributi *in natura*, li jridu jkunu mill-anqas daqs il-kontribuzzjonijiet kombinati tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

5. L-Impriża Konġunta nġhatat awtonomija finanzjarja fis-26 ta' Lulju 2010.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21).

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi, l-attivitajiet u r-riżorsi disponibbli tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Is-Seba' Programm Kwadru, adottat bid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1), jiġbor flimkien l-inizjattivi kollha tal-UE relatati mar-riċerka, taħt saqaf wieħed, u jaqdi rwol kruċjali fl-ilħuq tal-għanijiet ta' tkabbir, kompetittività u impjiegi. Huwa wkoll pilastru ewleni għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

7. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ENIAC, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

8. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁶⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁷⁾, u t-tħejija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti, sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁶⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁷⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

9. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁸⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi jkunux legali u regolari.

10. L-awditu jnvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jnvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

11. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

12. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

13. L-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Impriża Konġunta⁽⁹⁾ ġiet adottata b'deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija fit-18 ta' Novembru 2010 u hija għodda ewlenija⁽¹⁰⁾ għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-pagamenti li saru fl-2012 kontra ċertifikati ta' aċċettazzjoni tal-ispejjeż maħruġa mill-awtoritajiet ta' finanzjament nazzjonali (NFAs) tal-Istati Membri ammontaw għal EUR 8,2 miljun, li jirrappreżenta 42 % tal-pagamenti operazzjonali totali.

14. Il-ftehimiet amministrattivi stabbiliti bejn l-Impriża Konġunta u l-NFAs tal-Istati Membri jipprovdu fil-prinċipju li l-NFAs iwettqu awditi fisem l-Impriża Konġunta. L-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Impriża Konġunta tiddependi ħafna fuq l-NFAs għall-awditjar ta' klejms għall-ispejjeż tal-proġetti. Madankollu, fl-2012 is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni wettaq studju ta' konsulenza dwar il-valutazzjoni tal-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Impriża Konġunta u tal-istrateġiji tal-awditjar tal-Istati Membri fl-ENIAC u ġibed l-attenzjoni għall-fatt li t-fassil tas-sistema tal-awditjar *ex post* għandha tiġi eżaminata u kkomplementata biex tiġi żgurata l-adeqgatezza tagħha għall-ilħuq tal-oġettiv kumplessiv⁽¹¹⁾ tagħha.

⁽⁹⁾ L-istrateġija tal-awditjar *ex post* tiddikjara li l-Impriża Konġunta għandha tfittex informazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-proċedura tal-awditjar *ex post* applikata fl-Istati Membri fl-ENIAC biex titwettaq valutazzjoni tal-proċeduri nazzjonali fir-rigward tal-idoneità tagħhom li jipprovdu aċċertament suffiċjenti fir-rigward tar-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjonijiet relatati mal-proġetti tal-Impriża Konġunta ENIAC.

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 72/2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta jiddikjara li hija "għandha tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-membri tagħha jkunu adegwatament protetti billi twettaq jew tqabblad lil min iwettaq kontrolli interni u esterni adatti" u li hija "għandha twettaq kontrolli fuq il-post u verifiki (awditi) finanzjarji fost id-destinatariji tal-finanzjament pubbliku tal-Impriża Konġunta ENIAC. Il-kontrolli u l-verifiki (awditi) għandhom isiru direttament mill-Impriża Konġunta ENIAC jew mill-Istati membri fl-ENIAC fisimha."

⁽¹¹⁾ Il-konklużjonijiet ewlenin tal-istudju ta' konsulenza huma:
— l-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Impriża Konġunta ma tinkludix dettalji prattiċi għall-implimentazzjoni tagħha;
— l-Impriża Konġunta u l-NFAs ma rnexxilhomx jikkonkludu ftehimiet speċifiċi taħt liema dawn tal-aħħar għandhom iwettqu awditi finanzjarji.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p 1).

15. Fl-2012, l-Impriża Konġunta wettqet analiżi limitata ta' klejms għall-ispejjeż ⁽¹²⁾ u fuq din il-bażi kkonkludiet fir-rapport annwali tal-attività tagħha li r-rata ta' żball fil-programm tinsab taħt 2 %. Madankollu, dan l-eżerċizzju ma kien jinkludi ebda awditu u ma pprovdix aċċertament dwar ir-regolarità tal-klejms għall-ispejjeż analizzati. Sa tmiem l-awditu tal-Qorti (Settembru 2013), l-informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Impriża Konġunta ma kinitx suffiċjenti biex il-Qorti tikkonkludi jekk dan il-kontroll ewlieni huwiex qed jaħdem b'mod effettiv.

Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

16. Fl-opinjoni tal-Qorti, bl-eċċezzjoni tal-effetti possibbli tal-kwistjoni imsemmija fil-bażi għal opinjoni kwalifikata fil-paragrafi 13 sa 15, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

17. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit

18. Il-baġit finali 2012 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ta' EUR 128 miljun u EUR 42 miljun rispettivament. Ir-rati ta' użu għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament disponibbli kienu ta' 100 % u 52 % ⁽¹³⁾ rispettivament. Mill-EUR 125,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli għal attivitajiet operazzjonali, EUR 17,6 miljun ġew implimentati bħala impenn globali għall-ewwel seġha għal proposti 2012, u EUR 107,9 miljun bħala impenn globali għat-tieni seġha għal proposti 2012. Il-ftehimiet ta' għotjiet għal dawn iż-żewġ sejħiet għal proposti ġew iffirmati kmieni fl-2013, u ż-żmien medju ta' bejn it-tnedija tas-seġha u l-iffirmar tal-ftehimiet kien ta' 12-il xahar.

19. Id-dgħufijiet fil-kontroll li nqabdu mill-awditu tal-2011 fir-rigward ta' diżimpenn ta' approprjazzjonijiet mhux użati komplew ukoll fl-2012. L-impenn globali mhux użat ta' EUR

⁽¹²⁾ L-eżerċizzju ta' analiżi limitata kien jikkonsisti f'li l-NFAs jintalbu jikkonfermaw kampjun ta' klejms għall-ispejjeż.

⁽¹³⁾ Ir-rata ta' implimentazzjoni relattivament baxxa għall-pagamenti operazzjonali hija spjegata bil-wasla tardiva ta' ċertifikati mill-awtoritajiet nazzjonali u bid-dewmien fil-livell tal-Istat Membru li-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotjiet nazzjonali.

2,8 miljun assenjat lill-attivitajiet operazzjonali għall-2010, li kellu id-data finali tal-31 ta' Diċembru 2011 għall-implimentazzjoni, ma kienx ġie diżimpennat sa tmiem l-2012.

Sejħiet għal proposti

20. Is-sejħiet għal proposti 2008, 2009, 2010 u 2011 irriżultaw fi ftehimiet ta' għotjiet li ammontaw għal total ta' EUR 170,2 miljun, li jirrappreżenta 39 % tal-kontribuzzjoni massima tal-UE għall-Impriża Konġunta għal attivitajiet ta' riċerka ⁽¹⁴⁾. Fl-2012, tnedew żewġ sejħiet għal proposti b'total ta' EUR 125,4 miljun, u fl-2013 tnedew sa issa żewġ sejħiet b'total ta' EUR 39,7 miljun. Biex isir użu sħiħ tal-kontribuzzjoni disponibbli tal-UE ta' EUR 440 miljun ikollha tiġi mnedija seġha addizzjonali għal proposti b'valur ta' EUR 104,7 miljun (23,8 %) matul l-2013.

KWISTJONIJET OĦRA

Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni

21. Il-karta tal-missjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija fit-18 ta' Novembru 2010. Madankollu, ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta għadhom ma ġewx emendati biex jinkludu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament strutturali (qafas) ⁽¹⁵⁾ li jirreferi għas-segħat tal-awditur intern tal-Kummissjoni.

Monitoraġġ u rappurtar ta' riżultati tar-riċerka

22. Is-Seba' Programm Kwadru (FP7) jistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u rappurtar li tkopri l-protezzjoni, id-disseminazzjoni u t-trasferiment ta' riżultati tar-riċerka.

23. Fil-ftehimiet ta' għotjiet iffirmati mal-benefiċjarji, l-Impriża Konġunta inkludiet dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u d-disseminazzjoni ta' riżultati tar-riċerka. L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija mmonitorjata mill-Impriża Konġunta fi stadji differenti tal-proġetti ffinanzjati.

⁽¹⁴⁾ Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 72/2008 u l-Artikolu 11(5) tal-anness tiegħu, il-kontribuzzjoni massima tal-UE lejn l-ispejjeż operattivi u l-attivitajiet ta' riċerka tal-Impriża Konġunta hija ta' EUR 450 miljun, li minnhom il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi ma tistax taqbeż l-EUR 10 miljun. Jekk parti mill-kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi ma tintużax, din tista' ssir disponibbli għal attivitajiet ta' riċerka.

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

24. Madankollu, jeħtieġ li l-mod ta' kif jiġu rrapportati r-riżultati ta' dan il-monitoraġġ jevolvi aktar biex jissodisfa bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1982/2006 ⁽¹⁶⁾ u tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1906/2006 ⁽¹⁷⁾.

Kontribuzzjoni mill-Istati Membri fl-ENIAC

25. L-istatuti tal-Impriża Konġunta jistipulaw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri fl-ENIAC għandhom jammontaw għal mill-inqas 1,8 darbiet ⁽¹⁸⁾ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE, filwaqt li l-għotjiet tal-Impriża Konġunta jistgħu jilhqqu massimu ta' 16,7 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġetti. Għall-ewwel seba' sejħiet għal proposti, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istati Membri fl-ENIAC kienet 1,41 darbiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE (1,55 darbiet fl-2011).

Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti

26. L-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Impriża Konġunta vvalida s-sistemi finanzjarji u kontabilistiċi (ABAC u SAP) fl-2012. Madankollu, il-proċess li jipprovdni informazzjoni finanzjarja dwar il-ġestjoni ta' klejms għall-ispejjeż irċevuti mill-NFAs, għadu ma ġiex ivvalidat.

27. Sa minn April 2012 'l hawn l-Impriża Konġunta għandha kapacià tal-awditjar intern kif rikjest mill-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxiha.

28. Il-pjan ta' rkupru minn diżastru ġie ffinalizzat u ttestjat b'suċċess fl-2012.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-22 ta' Ottubru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹⁶⁾ L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1982/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) jirrikjedi li l-Kummissjoni kontinwament u sistematikament timmonitorja l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru u l-programmi speċifiċi tiegħu u regolarment tirrapporta u xxerred ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ.

⁽¹⁷⁾ L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1) jirrikjedi li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti abbażi ta' rapporti tal-progress perġodikament ippreżentati. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan għall-użu u d-disseminazzjoni tat-tagħrif ġdid miksub. Hija għandha wkoll tistabbilixxi u żżomm sistema informativa li tippermetti li dan il-monitoraġġ isir b'mod effiċjenti u koerenti tul is-Seba' Programm Kwadru kollu.

⁽¹⁸⁾ L-Artikolu 11(6)(b) tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 72/2008 jistipula li "kontributi finanzjarji mill-Istati Membri fl-ENIAC [...] għandhom jammontaw (mill-inqas) għal 1,8 darba l-kontribut finanzjarju tal-Komunità".

ANNEX

Impriża Konġunta ENIAC (Brussell)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tipprevedi kontribut tal-Komunità għall-istabbiliment ta' sħubiji pubbliċi-privati fit-tul f'forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti li jistgħu jkunu implimentati permezz ta' Impriżi Komuni (Konġunti) skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC.</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008)</p>	<p>Objettivi</p> <p>L-Impriża Konġunta ENIAC tikkontribwixxi lejn l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) u t-tema "Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-programm speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni. Din għandha, b'mod partikolari:</p> <ul style="list-style-type: none"> — tiddefinixxi u timplimenta l-aġenda għar-riċerka għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin għan-nanoelettronika f'oqsma differenti ta' applikazzjoni sabiex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-Ewropa u jkun possibbli l-iżvilupp ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà; — tappoġġa l-attivitajiet meħteġa għall-implimentazzjoni tal-aġenda għar-riċerka (attivitajiet ta' R&Ż), notevolment billi tagħti finanzjament lill-parteċipanti fi proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għal proposti; — tippromwovi sħubija pubblika-privata bl-għan li jiġu mobilizzati u jinġabru flimkien l-isforzi Komunitarji, nazzjonali u dawki privati, billi jżiedu l-investimenti globali f'R&Ż fil-qasam tan-nanoelettronika, u titrawwem kollaborazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat; — tiżgura l-effiċjenza u t-tul ta' żmien tal-JTI dwar in-nanoelettronika; — tikseb sinerġija u koordinazzjoni tal-isforzi Ewropej ta' R&Ż fil-qasam tan-nanoelettronika inkluża l-integrazzjoni progressiva fl-Impriża Konġunta ENIAC tal-attivitajiet relatati f'dan il-qasam implimentati fil-preżent permezz ta' skemi intergovernattivi ta' R&Ż (EUREKA).
<p>Tmexxija</p>	<p>Il-korp governattiv tal-Impriża Konġunta huwa l-Bord tat-Tmexxija. It-tim eżekuttiv huwa mmexxi minn Direttur Eżekuttiv. L-industrija hija rappreżentata fil-Kumitat tal-Industrija u r-Riċerka u mill-assoċjazzjoni AENEAS bħala membru fundatur. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta l-Unjoni, l-Istati Membri u pajjiżi assoċjati jiffurmaw il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.</p>
<p>Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2012</p>	<p>Baġit</p> <p>EUR 127 996 970,00 għal impenji</p> <p>EUR 42 475 500,00 għal pagamenti</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>15-il post previsti fit-tabella tal-persunal (7 membri tal-persunal temporanju u 8 membri tal-persunal kuntrattwali), li minnhom 15-il post kienu okkupati; dawn kienu allokati għal: attivitajiet operazzjonali (6); kompiti amministrattivi (5); kompiti mħallta (4).</p>
<p>Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2012</p>	<p>Ara r-rapport annwali tal-attività tal-Impriża Konġunta ENIAC għall-2012 fuq www.eniac.eu</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Impriża Konġunta ENIAC.

TWEĠIBIET TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA ENIAC

13-15. L-istrategġija ta' awditu *ex post* tal-Impriża Konġunta ENIAC tiddependi fuq awditi *ex post* li twettqu mill-Awtoritajiet ta' Finanzjament Nazzjonali peress li dan huwa l-uniku approċċ konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u mal-iskema ta' finanzjament trilaterali stabbilita mil-leġiżlatur. Barra minn dan, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan huwa l-uniku metodu finanzjarju sod minħabba li l-awditi għandhom jassiguraw konformità ma' kwalunkwe wieħed mit-23 sett ta' regolamenti u regoli li jintużaw mill-Awtoritajiet ta' Finanzjament Nazzjonali biex l-ispejjeż ikunu rikonossuti.

19. Fl-2012 l-Impriża Konġunta ENIAC tejbet il-kontroll tagħha b'mod konsiderevoli billi eliminat għal kollox l-iżbalji fuq l-approprijazzjonijiet diżimpenjati funzjonali. L-Impriża Konġunta ENIAC jiddispjaċiha li diżimpenn operazzjonali wieħed kien esegwit wara d-data finali ta' implimentazzjoni; il-kawża ewlenija għet identifikata u ttehdut miżuri korrettivi biex tiġi evitata rikorrenza.

21. L-emenda tar-Regolament Finanzjarju Qafas taqa' taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni li bħalissa tinsab fil-proċess ta' thejġija tal-allinjament tar-Regolament Finanzjarju Qafas eżistenti flimkien mar-Regolament Finanzjarju Ġenerali l-ġdid tal-UE. L-Impriża Konġunta ENIAC għandha tadotta l-verżjoni riveduta malajr kemm jista' jkun.

24. Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE u r-Regolament (KE) Nru 1906/2006 jistabbilixxu obbligi speċifiċi għall-Kummissjoni li ma jistgħux jiġu trasferiti awtomatikament lil entitajiet legali oħra bħall-Impriża Konġunta ENIAC. L-Impriża Konġunta ENIAC hija konformi mar-rekwiżiti ta' rapportar kollha li rċeviet s'issa mill-Kummissjoni u hija impenjata li tkompli tieħu l-azzjonijiet neċessarji sabiex id-dispożizzjonijiet statutorji dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali u l-użu u d-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka jkunu ssodisfati.

L-Impriża Konġunta ENIAC ħadet nota tal-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tniedi studju dwar ir-rwol ta' bidla fil-proprjetà intellettuali fl-industrija tas-semikondutturi (SMART 2013/0005) u se timplimenta biċċert l-aqwa prattiki li jirriżultaw minn din l-inizjattiva li huma kompatibbli mal-qafas leġiżlattiv tagħha.

25. Il-proporzjon bejn il-kontribuzzjoni tal-UE u dik tal-Istati Membri tal-ENIAC hija riżultat mekkaniku tal-applikazzjoni tar-regoli tal-l-Għajnuna mill-Istat (Regolament tal-Kummissjoni Nru 800/2008) li jillimita l-perċentwal tal-għajnuna mill-istat għal tipi partikolari ta' azzjonijiet u parteċipanti. Iż-żewġ sejħiet li saru fl-2012 kienu evidenti ħafna: il-kontribuzzjonijiet fis-Sejħa 2012-1 qabżu l-proporzjon ta' 1,8 b'mod konsiderevoli, filwaqt li fis-Sejħa tal-Linja Pilota 2012-2 dawn baqgħu taħt 1,8.

26. Is-sistemi ABAC u SAP kienu vvalidati mill-uffiċjal tal-kontabilità fl-2010. Fl-2012 l-uffiċjal tal-kontabilità wettaq fl-intier tiegħu, il-kompitu li jivalida s-sistemi ta' kontabilità stabbiliti u fejn xieraq, ivvalida s-sistemi stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti, kif mitlub mill-Art.43.1.e tar-Regoli Finanzjarji tal-ENIAC-60-08.